MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2011

Numru. 1301/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Ramon Mercieca**

**vs**

**Manuel Galea**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Manuel Galea ta' 28 sena, bin Carmelo u Lucia nee' Fenech, imwieled Pieta' nhar il-15 ta' Marzu 1982 u residenti No 26, Triq Hal Bajjada, Rabat u detentur tal-karta tal-identita' numru 159382M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Ghall-habta ta' xi l-18:00Hrs ta' nhar is-16 ta' Novembru 2010, gewwa dawn il-Gzejjer:-

Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Carmel Scicluna, jew igibilha disordni f' mohha, liema hsara tista' ggib periklu ta' debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, jew iggib mankament jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offizu dan skond ma iccertifikaw Dr Juan Sciberras MD mic-Centru tas-sahha tal-Mosta, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F' kaz ta' htija il-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Carmel Scicluna u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta' Dicembru 2010 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar il-24 ta' Marzu 2011 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, kkunsidrat l-fedina penali relattivament netta tal-imputat kif ukoll ikkunsidrat l-fatt li l-parti civili rrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 214 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena millum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------